DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/1800

meħuda bi qbil komuni mal-President tal-Kummissjoni

tad-19 ta' Settembru 2023

li taħtar Membru tal-Kummissjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 246 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) Fit-28 ta' Novembru 2019, il-Kunsill Ewropew adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/1989 ([2]) li taħtar lill-Kummissjoni Ewropea għall-perjodu sal-31 ta' Ottubru 2024.

(2) F'ittra datata l-15 ta' Mejju 2023, is-Sa Ursula VON DER LEYEN, President tal-Kummissjoni, infurmat lill-Kunsill li s-Sa Mariya GABRIEL kienet irriżenjat mill-kariga tagħha bħala Membru tal-Kummissjoni.

(3) F'konformità mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 246 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, post battal ikkawżat minn riżenja għandu jimtela għall-bqija tal-mandat tal-Membru minn Membru ġdid tal-istess nazzjonalità.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li jinħatar Membru ġdid tal-Kummissjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Bi qbil komuni mas-Sa Ursula VON DER LEYEN, President tal-Kummissjoni, il-Kunsill jaħtar lis-Sa Iliana IVANOVA bħala Membru tal-Kummissjoni għall-bqija tal-mandat, jiġifieri sal-31 ta' Ottubru 2024.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Settembru 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
P. NAVARRO RÍOS

([1]) Opinjonitat-12 ta' Settembru 2023 (għad mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/1989 tat-28 ta' Novembru 2019 li taħtar lill-Kummissjoni Ewropea (ĠU L 308, 29.11.2019, p. 100).